# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA

BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.

186 (7) | IR-RABA SENA | SOLD BISS



DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH.,LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER: CARMENU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant' Anton, il Birgu



ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, fl'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critien, Str. Reale, il Belt.*
HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru; zewg xelin cull sitta u ghoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kudiem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta*


## LI SFORTUNA TAL HADDIEM

Il haddiem malti chien deyem u ghadu s'issa sfortunat hafna u il htia ì coll'a tighu in-nifsu u ta hadd izied.

Il haddiem malti deyem chellu gisem biex yahdem bhal bima ghall gid ta haddiehor izda katt ma chellu mohh biex yahdem ftit ghalih in-nifsu.

Il haddiem malti minn deyem chellu ideyn u rigleyn biex staghnew il haddiehor ghal lokma hobz yebsa izda ghadu katt ma chellu ras li tahseb sewwa halli tmixxih fit-triek it-tayba halli mil ghana u il gid collu li yohlok ghal haddiehor yehu dac is-sehem li hakku minnu ucoll.

Il haddiem malti ghadu katt ma chellu dehen bizzeyed biex yintebah li dawc li Lpup coll'a li yincsew b'gild harufi u li yindehsu deyem mighu taht il mascra ta "Hbieb" hadmuh bil berrina li rkieka ghall finiet egoistici tahhom u tal classi tahhom li ì naturalment antagonistica ghall dic tal haddiem billi usaw il metodu efficacissimu ta Macchiavelli, il famus talian: *divide et impera: ofrok ha's-saltan.*

U ecc g'ralu il povru haddiem malti: xerrduh l'awn u l'emm f'elf direzion b'mod tali li gie wicc' imb' wicc' ma shabu u ma hutu stess yati, b'ghayneyh imghammda, bil ponn u bis-siek chemm yiflah, mux lill ghedewa tighu li chescsuh u karrku bih izda lill hutu il gheziez stess, izda fuk lahmu u fuk gildu stess.

L'ewel hag'a li fittex yaghmel il Ghadu tighu ì li yoforku f'hafna bceyec zghar ghaliex yaf li il bceyec zghar tista timmaneggiahom chif trid u yoghboc u li anche yecc yintebhu u yonfru tista tliggimom malayr bla ma yilhku yaghmlulec hsara ta xeyn; u f'dina il manovra ta tattica fina irnexxa actar milli haseb u katt holom billi mux biss il haddiem izda il popolin ucoll uma mifrukin f'elf bicc'a u disgraziatament contra xulxin ghall beneficiu u id-dahk f'wicc'om tal Ghadu tahhom.

Dana il Ghadu beda biex yistudya id-debolizzi tahhom. Beda per esempiu biex yistudya il pregiudizii, il fanatismi, l'egoismi, l'antagonismi, is-superstizioni tal haddiem u tal popolin u beda, b'macaccheria fina hafna, yahdem u yilghab fuk dawna it-tasti bhal meta pianista famus yaghmel fuk pianoforti.

Il Ghadu, per esempiu, yaf li il poplu f'kalbu ù profondament religius u ghalecc beda biex bil mod il mod u b'berrina karrieka l'actar fina yehu f'ideyh dana issentiment nobili u educativ meta usat sewwa u ghawg'u f'fanatismu u f'bigottismu u f'superstizion u f'idolatrya li ma umiex denii ta popolu civilizzat u li floc li ymixxu il poplu u il haddiem specialment il kuddiem ireg-g'ghux hafna lura.

Il Ghadu ghall interessi tighu u tal classi tighu holoklu il pichi tal cneyes u tal festi tal Kaddisin. Yena ghadni niftacar meta cont ghadni zaghzuh il Birgu il pichi beyn il partitarii tal Cunvent tal Lunziata u tal Parroccia ta San Laurenz, pichi li waslu fi stat ta fanatismu tali u ta hruxia u ta barbarismu tali li daru sa bil gebel li statua ta San Laurenz li emm f'nofs il Piazza u wahhlu sa it-tappiet fil hadid collu ta ma dwar li statua tighu, u allura l'ohrayn daru bil gebel li statua ta San Duminc̈u li emm fin-niccia feyn il mina u darba sabu sa wicc' dan San Duminc̈u mc'appas bil hmieg'; u frattant il missier beda fuk il meyda yakbad is-sicchina ghall ibnu ghax insulta il San Dominc̈u u ibnu yakdad il furchetta ghalih biex yinfdu biha ghax insulta il San Laurenz u l' omm tixer u tfierak biex ma ysirx il ktil fid-dar u icciarcir ta demm u dan collu ghall fanatismu iniorant u barbaru li il Ghadu kabillu ynissel g'o mohhom u yseweb g'o kalbom billi *tra due litiganti il terzo gode.* Dan ma ghamlux il Cleru.

Dawn il povri ghomya xeyn ma intebhu li scond il vera religion San Laurenz ù kaddis cbir bhal San Dominc̈u u li it-tneyn hakkom tifhir u kima u mux zeblih u insulti, u li dac li chienu kieghdin yaghmlu chien appuntu contra li spiritu tal vera religion ta Cristu, le, izda iffanatizzaw irwihhom leyn banda u baghdu il l'ohra biss biex servew mil coxxa il min sewisom u li chien yokghod fil gallaria tal Piazza yara il povra ghomya ta haddiema yiggieldu beynietom u yatu bil ponniet il xulxin u yehlu il multi u il habs fil Krati biex ihaxcnu il bwiet fondi tal Ghadu li cheschisom billi gharaf u cattar chemm felah it-tast deboli tahhom tal fanatismu "religius".

Bhallichiecu il cneyes coll'a ma umiex it-tempiu imkaddes t'Alla l'istess tant yecc icunu cunvent tal patriet yew parroccia tal kassisin, yew li beyn il kaddisin yew beyn is-sacerdoti ghanda issir xi differenza ta rispett u

ta venerazion biss ghax il wihed yilbes ic-ciokka sewda u l'ihor bayda yew ghax wihed ù patri u l'ihor kassis yew ghax wihed ù San Paul u l'ihor San Dominco.

Lè ir-religion Cattolica ì wahda, u il cneyes coll'a uma l'istess tempiu ghal kima ta Alla wihed u is-sacerdoti uma coll'a ministri ta Alla wihed u ghalecc ma ymissomx u ma ghandomx iservu ta pica, ta g'lied, ta antagonismi, ta mibeghda ta hadd, wihed contra l'ihor.

Bhala veri nsara ghandna ycollna l'unità tal fidi, l'unità tal cult, l'unità ta li mhuh u tal klub u tal interessi ghall eserciziu u ghat-trionf tal vera religion wahda b'ras wahda li ì is-successur ta Sidna Gesù Cristu li ghandna mux l'ewel nisimghulu kuddies u imbaghad nidghulu u incasbruh izda inkimuh fuk collox u fuk cullhadd.

Minn dil priedca nahseb li tintebhu malayr li yena cont mahluk biex insir patri dumnican bhal ma deyem ridt insir u bhal ma ghandi deyem dispiacir li ma sirtx u li ghad inghidilcom ghala ma sirtx imhabba il kerk vili ta avucat li dawar ras ommi u li din bla ma fehmet il kerk tighu dawritli rasi ucol biex sirt abati, u mbaghad minn abati... inhallu ghal Ginu tax-"Xecchec" il cumplament.

Li scop tighi ma ux, hbieb gheziez tighi u huti il haddiem u il popolin, li nippriedcalcom ghaliex ghal dan is-servizz awn il Cleru li yaf yakdi dan id-dmir wisk ahyar minni. Yena biss ridt u irrid infehimcom li is-sentiment profond u sincier tal poplu malti li wiret minn ghand missierietu ma ghandu katt u katt yinbidel f'fanatismu u odiu u antagonismu biex bih isservu ta xemghà lil Ghadu halli yofrokcom u ygelidcom ghall finiet egoistici tighu.

Tcunux boloh u ghomya actar u la thalltux is-sentiment religius mal politica yew mal baned yew ma l'ebda hag'a ohra material u egoistica izda zommuh bhala tesor ghaziz gewa klubcom biex bih tintrefghu leyn dac Alla Wihed u Hanin li yipprovdilcom il hobz taghcom u ta uliedcom. Ftehimna yew le?

Il Ghadu yaf li il popolin u specialment il haddiem ù profondament u sincerament patriotticu, li yhobb il paisu u li bhal kalbiena missierietu ù deyem pront biex ic'arc'ar demmu ghalih. F'loc li yfehmu li ahna il coll Maltin u li ghandna ninghakdu kalb wahda u mohh wihed ghad-difisa u ghall progress u ghall gid tighu, biex yoforku ghal li soopi egoistici u karrekin tighu ydawarlu wicc'u iz-zeyed leyn l'Italya yew leyn l'Inghilterra u ma yhallihx ihares biz-zeyed leyn l'art li twieled fiha u li ked yirfes fuka. Yalienah ghall fanatismu leyn nazioni ohra mil imhabba u mil veru interess leyn art twelidu. U meta il popolin u il haddiem yibdghu yhossu li ghandom ihobbu fuk collox u kabel collox il paisom il Ghadu yofrok l'imhabba sinciera u profonda tahhom f'hafna bceyec u ycheschès ghall g'lied u ghall pichi u ghall mibeghda il tal Birgu contra ta Bormla il ta Bormla contra tal Isla bhallichiecu il Maltin tal Birgu ma umix hut il Maltin ta Bormla u bhallichiecu il Maltin ta Bormla ma umiex hut il Maltin tal Isla, u bhallichiecu ahna il Maltin u Ghawdxin ma ahniex il coll ulied Omm Wahda, il Mahbuba Malta taghna bli standard glorius u rebbieh abyad u ahmar li kieghdula f'ida il kalbiena missierietna u li ahna ghandna il coll chemm ahna, bhala veri ulieda, induru ma dwara u nhobbuha u nakbzu ghaliha fuk collox u fuk cullhadd.

Mela ù il fanatismu karrieki u barbaru li nissel fostna il Ghadu ghall finiet egoistici tighu li ygeghilna natu il vot lill sfruttatur disonest ghax bin Bormla billi ahna minn Bormla yew lill sanghisug paniottista minn Rahal G'did biss ghax yesercita per accident il profession tighu f'Rahal G'did u yixtri il voti bil visti.

Dawn il fanatismi tal boloh u il ghomya u l'inioranti emm bzonn li yinkatghu mil actar fis yecc ma tridux taraw actar il Ghadu yittrionfa u yahchimcom bil ponn tal azzar u yerdghilcom demmcom katra katra ghall gid tighu u tal classi parassitaria u sfruttatura biss.

Barra minn Malta yseyhu il dana il campanilismu, il dana il provincialismu, il dana il patriottismu fals u fanaticu *chauvinisme* (xauvinismu) u ù l'actar hag'a abborrita u iddisprezzata mil classi intelligent u mdawlin u bir-ragiun collu ucoll.

Mela meta tigi elezion ohra, ya huti il haddiema u popolin, la thallux min yisirkilcom il voti ghall Ghadu ghax icheschiscom contra xi "masun" yew favur ta xi hadd li ykatta leylu yitbaghrad u yisfen u yixrob izzeyed sassaghteyn ta bil-leyl yew izied u mbaghad biex yitfa il bzar fil ghayneyn imur ighin il kuddiesa u forsi yitkarben ucoll. Naf x'yena nghid ghad li il ligi sarima ma thallinix nitchellem actar ciar.

La thallux ix-xauvinismu local u il fanatismu religius yinfluixxu fuk id-doveri taghcom patriottici u politici u atu il vot onestament anche lil bniedem minn belt ohra u li ma yahsibiex f'collox bhalcom basta li ghall ministeru li yrid yakdi ycun l'actar adattat, l'actar capaci u l'actar sincerament u disinteressatament onest.

Il Ghadu yaf li il Malti ù ta natura profondament artistica u ghalecc yohloklu il baned mux biex yiddivertih onestament u ymixxih il kuddiem fit-triek tal progress u tal vera coltura izda biex minn dawn il baned yohlok veri *campi di battaglia* halli ycheschisom bhal clieb irrabiati contra xulxin, contra il vera religion, il veru gid ta paisom, il veru gid tahhom u tal familii tahhom stess.

Huti tal popolin, thallux il fanatismu tal baned yaghmicom b'mod li takilghu ghayneycom u iddahhku il cull hadd bicom bhala hafna inioranti u barbari medioevali biex il Ghadu li ydahhal denbu fil Comitati yisserva bicom ghall gid tighu u tal classi tighu u contra il veri interessi taghcom biss.

Il Ghadu yaf li il popolin ihobb yinhacc ma min ù oghla u ahyar minnu. U ghalecc meta xi Nobbli yehu il bin il poplu fil motor di lusso tighu yew yisfen ma bintu yew yistiednu il villa, yew ghall xi pranzu, etc., yixtrih contra il veru interess ta hutu biex icun yista yimla zakku u yiffanfarunya, il bahnan u l'imbecilli, bil biliett li baghtlu ghal stedina il Lord Tali u il Lady Tali u il Ministru Tali ghax gie ha it-tè ghandu, etc., bhal ma nafu hafna nullità li yhobbu yizzeynu b'dar-rix fierah u yittradixxu vilment il classi tahhom biex yirfdu il Ghadu li yisserva bihom. Scartaw il dawn it-tradituri tal classi taghcom u li yisthu minna biex idendlu ma ghonk hutom il Boya tahhom.

Il Ghadu yaf li l'interess ù cap general, u ghalecc yusa l'arma kawia tal hafna flus li ghandu u li coll'a intredghu minn demm il poplu biex yiccorrompih u yaghmlu paliett taht sakayh bihom. Ifthu ghayneycom specialment mil *claquers* igifieri minn dawc in-nies vili u bla coxienza li il mestier mokziez tahhom ù li yisirku il voti minn ghand l'onest halli yatuhom il min ihallasom l'actar. La thallux il dawn is-Sanghisughi karrieka u abbietti li yismnu actar minn fuk l'ingann u li rvina taghcom. Akraw chemm tistghu u isimghu il kniepen coll'a u mux il giornal tal partit biss li yonfok hafna flus fih min yakbillu u min wara ydahhal wisk actar mil paniotta li yecol. Ahsbu b'rascom u akdu dmircom scond il coxienza taghcom u la tusawx il vot bhala ghodda contra min ù onest u a favur tal briccun billi yakbillu yxahhamcom ghaliex fl'ahhar tal mazzita issibu iz-zbiba u meta yitla emm fuk yerdghilcom alla Shylock l'elf fil mia milli tacom b'lixca bhala mzazen ghomya, ilhah u imgewhin.

L'Inghilterra li ì deyem l'actar fina u intelligent fil politica tahha u li ghalecc hadet tant bicc'a cbira middinya taht ideyha fehmet tayeb dan it-tast deboli taghna il Maltin, li ninxtraw quasi 'l coll ghall vili interess. U ghalecc tatna il Costituzion bis-salarii tahha schifusi f'ideyna stess ghaliex fehmet li malli titfghilna dil ghadma g'o nofsna l'imgewhin coll'a fostna u id-disonesti yahtfu ghaliha b'tant chilba u raghwa f'halkom il-mokziez li yhalluha bi quieta tinkeda bil benefici militari u tokghod fittieka titbissem u titcasa bina u bid-degenerazion u bl'abbiettezza u bil kziez tal carattru taghna li ghall vili interess bosta ibihu ruhom u ruh martom u uliedom. Din il Costituzion—Cuccanya tibka sa tirvinana u iggibna f'ideyn l'Inghilterra f'posizion actar deboli u umilianti milli conna fiha kabel.

Harsu leyn il cuccanya tas-salarii tal Consilieri! X'reghba ghalihom! X'lotta u corruzion ghalihom! Anche minn ghandu x'yarmi f'loc li yati esempiu tayeb billi yatihom lill fkar u lill maghcus li yatih il vot ihaxchinom g'io fond butu u yonfokom ghat-tbaghrid, ghad-dissipazion u ghall corruzion tal poplu u li rvina tal pais.

Harsu, per esempiu, leyn it-tliet rappresentanti tal Labor, il Pupazzetti ridicoli li yissottomettu ruhhom ghall cull umiliazion, ghall cull dakka ta siek yew ta harta,

## LI STAMPATUR GIANNI MUSCAT

Billi yena ma ghadnix nistampa in-NAHLA ghand Gianni Muscat tal "Herald" actar u billi fuk il hlas tat-tieni u it-tielet numru diehlin il Korti u billi gia kieghda tig'ri ix-xniha tal ghedewa li yena ma ridtx inhallsu u li fuk dan iggelidna, inhoss li ghall verità tal fatti, billi dawna issa seyrin yig'u discussi f'publica Korti, li nghid chif chienu il fatti ghall informazion ta cullhadd u biex yibkghu bhala document fli storya tant dolorusa tan-NAHLA.

Meta iddecideit li nohrog' in-NAHLA, billi ma chellix esperienza ta stampaturi wara li cont ili sittax il sena niekes irricorreit ghand is-Sur G. Orlando tal Labor biex yirraccomandali wihed ua, u dan insista li yena nistampah bl'imsiemer tax-Xecchec basta yig'bed in-nar leyn ix-xawata ta habibu Ginu. Yena billi dac iz-zmien chelli fiducia fih smayt milli kalli u hleyt hafna hin prezius infihem il Ginu x'irrid naghmel. Dana weghidni li ghandu yibghatli estimate li ghal xi gimghateyn ma wasal katt. Ctibtlu biex ma yhallinix marbut b'chelmti mighu u ma wiegibnix. Ctibt lil Orlando biex yara ghala Ginu gieb ruhu ecc ta incivil u chitibli li yrid yehles b'beyh, mil istamperia li ghandu u li ma' yridx yintriga. Sata chitibli ecc u mux ihallini bhal hmar bla risposta.

Allura arg'ayt stakseyt u kaluli li hadd f'Malta ma chien armat biex yohrog' gazzetta suret in-nies bhal ma ridta yena u bi quantità cbira barra minn Gianni Muscat u ghalecc contra kalbi mort ghandu billi nisma il cullhadd ighid li il prezziet tighu uma quasi id-doppiu ta haddiehor.

Meta geyna biex niccurdaw fuk il prezz yena ghidtlu : "Yena seyer nittrattac bhal ma yaghmlu l'America. Stampa l'ewel numru u meta tcun taf xi speyes ghandec ghalih zid klieh giust u yena ta galantom inhallsec il prezz li titlobni." U ua accetta.

Fl'America katt ma yinkalghu questioni bhal dawn ma li stampaturi billi ghandom coll'a prezzi stabiliti u stampati mill Union ghal cull xoghol u ghalecc ghand coll'a thallas li stess prezz, moderat u giust.

L'aghda li hareg l'ewel numru b'5000 tiratura u wara tliet gimghat rambagg ta correzioni l'actar terribili billi kabbad lavranti bi ftit xelini fil gimgha li lankàs chienu yafu id-differenza beyn corsiv u capitalett, tant li chif kalli ua stess chellu ychecci wihed minnom, yena mort biex inhallsu billi yena nemmen bil cash payment meta yatuni is-servizz li nitlob. Is-sur Muscat ippresentali cont ta wihed u ghoxrin lira u tmintax il xelin (£21-18-0) tal 5000 copia b'sittax il pagiua billl l'ewel numru chellu is-supplement u yena wara li ipprotestait ruhi hafna li il prezz chien esagerat ferm hallastu bhal ma cont wieghedtu fil bidu li natih daks li yitlobni.

Imwagg'a talli approfitta ruhu mil fiducia li kieghidt fih mort ghand l'Unione Tipografica Maltese ta Sda. Cristoforo, 28, feyn kieghda tistampa ruhha in-NAHLA illum u tlabt estimate ghal numru ihor l'istess f'collox bhal dac li stampa Muscat u dana talabni il prezz onest ta tnax il lira, carta li stess ucoll, u meta stakseytu yecc chellux klieh bizzeyed kalli iva u li ua soddisfatt b'dac il prezz. Dana, yfisser ghaxar liri ankas mil prezz ta Muscat ! Is-sur Ellul wieghidni ucoll li yzanzan ghan-NAHLA font gdid, u ecc ghamel bhal ma taraw b'ghayneycom stess. In-NAHLA ì stampata ahyar minn kabel ucoll.

Yena mdahdah f'demmi talli Muscat hadli ghaxar liri actar talli fdaytu ta galantom li yen, geghilt lil Ellul li yatini il prezz bil mictub u mort ghand Muscat biex yatini sodisfazion tal prezz esagerat tighu. Dana lakaghni hazin u ma ried yispiegali xeyn billi irrispondieni bhal l'Inghizituri : *Sic voleo sic jubeo stat pro ratione voluntas.* Billi is-sofor chienu gia g'o butu chelli nmil rasi ghall arbitriu u assolutismu tighu. Izda wara xi siegha cumbatt irnexxieli niehu minn ghandu il weghda li ghannumri l'ohra, billi ycun emm hafna xoghol lest mil ewel numru, yatini prezz actar moderat. Hareg' it-tieni u wasal it-tielet bi tnicchir u b'correzioni bla tarf li haduli hini u il pacenzia tighi coll'a u iddecideyt li nistampah ghand Ellul bil consens ta Muscat ghad li makdru chemm felah u kalli li hadd ma yakdini tayeb u li ycolli bil fors narg'a naka ghall habba tas-Sultan.

Ghandu, fil hanut ta Sda. Mercanti, chelli il flus tal beyh u tal abbonament tan-NAHLA u ghalecc stenneyt biex nig'borom halli nzid mahhom u nhallas il cont tazzewg' numri li ma chienx ghadu baghatli u ghalecc ma contx ghadni naf x'seyer yehodli. Meta bghatt il Manager biex yirtira il flus, Salvu, b'ordni tas-Sur Muscat, irrifiuta li yatihomlu u Muscat kabad collox sal giornali li chien baka taht ideyh bla dritt legali u bi procedura arbitraria u bla ragiuni ta xeyn billi ma chienx ghadu baghat cont u yen lankas katt ma irrifiutayt li nhallsu. B'ecc ma staytx nibghat in-NAHLA lill xi abbonati billi zamm flusom u isimom ucoll.

L'aghda baghtli il cont bil prezz esagerat tal ewel numru u ftit actar, iddeducia ù l'ammont li incassa fil hanut bla ma tani chance nivverificah, u riedni nhallsu immediatament. Yena ridt inchellem l'Avucat tighi fuk dan l'agir illegali, arbitrariu u dispoticu u billi ma staytx inchellmu ghal xi yumeyn billi ua u yen conna hafna mhabbtin Muscat farfarli ittra ufficiali bil firma ta George Borg u tani 48 sigha biex inhallas il balance. Yena certament wara li approfitta ruhu mil fiducia li kieghidt fih u wara li hadli ghaxar liri actar tal ewel numru, u wara li zamm il flus tighi bla dritt legali u wara li, contra il weghda tighu li yrahhasli, baghatli cont yebes ftit actar minn tal ewel ma dehirlix li ghandi nittratta mighu bonariament u ghalecc irrispondeitu li mhabba f'dawna iccircostanzi coll'a u fit-trattament hazin li bih ittrattani u talli abusa ecc bl'icreh mil fiducia tighi, yena irrid inhallas bil Korti dac biss li yiddecidu il periti. Meta tispicc'a il causa nippublicaha fin-NAHLA ghas-sodisfazion ta cullhadd.

Din ì copia tal ittra li bghattlu :—

15 ta Frar 1928

Sur Gianni Muscat tal "Malta Herald ",

Billi int approfittayt ruhec mil fiducia li yena kieghidt fic u hadtli ghaxar liri actar tal ewel numru tan-NAHLA mil prezz li ked yehodli haddiehor ;

billi int issequestrayt bla ma chellec dritt u bla procedura legali il flus u il giornali li chelli f'ideyn l'impiegat tighec bla ma taytni camp li nivverifica l'ammont u iddanneggiaitni billi ma staytx nibghat in-NAHLA lill abbonati li g'odda ;

billi int wieghidtni li ghan-numri l'ohra chellec tehodli prezz moderat billi chellec xoghol lest mil ewel numru u in considerazion tal aggraviu tal ewel numru;

billi bdeyt passi legali meta yena ma innegaytlecx katt li nhallsec li hakkec ;

u billi ittrattayni ecc hazin hafna u arbitrariament u dispoticament chemm flaht, b'din irrid ninformac li yena bi hsiebi nhallsec taz-zewg' numri dac li tatic il Korti scond li stima tal Periti.

AUGUSTIN LEVANZIN.

Chif tafu gia Muscat hassarli in-NAHLA billi ma tanix carta ghan-numru ta kabel; issa billi missitu ix-xewca tan-NAHLA u billi ra li ghamel dispett ta vavu rag'a offra li yatini sa tasal il carta tighi izda ghal dawc li yillegawha in-NAHLA ì mhassra ! Dan ù business la maltia biex ninçoraggixxu l'industrii maltin !

—o—o—

## IL CONFERENZI FIL BERAH

Il Polizia dehrila li fil g'ranet tal Carnival ma ghandomx isiru conferenzi fil berah u ghal dac li tghid il Polizia emm bzonn li nbaxxu rasna billi contra tahha u mahha ma yista yehoda hadd fi hweyeg' bhal dawn feyn yista yigi iddisturbat il buon ordni, mux minn'na izda mil ghedewa taghna u tal poplu.

Ghaldakstant il Meetings li habbart il gimgha l'ohra fin-*Nahla* ma sarux izda isiru is-Sibt u il Hadd li gey bli stess mod li chienu mhabbrin kabel. Billi specialment irrid niddiscuti il Progett Ebeyer maghcom u il hafna suggerimenti ta ghaynuna ghall poplu ta Tillu Sammut u xi ohrayn li irrid naghmel yena, nitma li ma tonksux anzi li tig'u bil cotra halli specialment niddiscutu il petizion general li bi hsiebi nmexxi halli dawn il progetti ghall gid tal poplu yghaddu il kuddiem.

Mela la tonksux, is-Sibt u il Hadd li geyin, fli stess hiniet, lochiet u li stess soggetti tal Conferenzi.

Eyew bil cotra ghall gid taghcom biss. La tonksux !

**Jecc thobbu lil xi hadd atuh "IN-NAHLA"**

## IL·LIGI TA LI STAMPA.

—o—

Dina ì l'Ordinanza Erbatax tal 1889, li chienet imghoddia mil Consill tal Gvern fis-seduta 42 tal 4 ta Luliu 1889. Il Gvernatur H. Torrens ·iffirmaha fil 15 ta li stess xahar u is-Segretariu tighu chien Gerald Strickland. Minn dana naraw ciar li tant il-ligi sarima ta li Stampa li ghandna chemm ucoll il-ligi sarima tal meetings saru u ghaddew fi zmien Strickland u li chien Strickland ucoll li wara irrestringia il libertà tal meetings billi ma yistghux isiru actar fli bliet u billi fli bliet ma yistghux isiru actar dimostrazioni. Dawn iz-zewg' ligiet emm bzonn li yissewew mil actar fis halli il poplu malti ycun yista ygawdi l'istess libertà li ygawdu il g'nus anglosassoni.

Li scop ta dina il ligi ù mux li tfixchel il libertà ta li Stampa izda li tghacches l'abusi tahha !? *To check abuses in the publication of printed writing.* Izda ir-restrizioni uma tant u tali li il libertà li baka ì wisk limitata u b'mod li yecc wihed irid yapplica il-ligi fis-severità tahha ftit yista yistampa ruhu fil giornali li ma ycunx libellus bhal ma ghad naraw ciar hafna actar il kuddiem.

Niftacru li din il-ligi harget biex tghacches l'abusi tal chitba *stampata* billi yecc il chitba ma tcunx stampata allura, yecc ingiuriusa, taka taht il-ligi li tirregola l'ingiurii comuni.

Fil preambolu tal ligi insibu dan :—*Whereas it is expedient to repress abuses in the publication of printed writings, it is hereby enacted and ordained by His Excellency the Governor, with the advice and consent of the Council of Government, as follows* :— Chapter I—General Provisions:—

Article 1. *The publication of printed writings is free.* Dina il chelma *free*, libera, tfisser hafna billi kabel hadd ma chien yista yistampa xeyn bla permess tal Gvern u ta hafna revisuri. Il poplu sa kala dana il privilegg' thabat u sofra tassew billi min chien yahsmu katt ma ried yatih id-dritt u il privilegg' li yistampa l'opinioni tighu u specialment li yattaccah u li yiccriticah fli Stampa.

Izda ftit curaggiusi fost il poplu c'arc'ru demmom u sofrew habs kalil sa chemm il poplu kala dac li ried—li Stampa ecc imseyha libera, ghad li kala dana il privilegg' b'tant restrizioni fostna li ta dina il-libertà il ligi ma fihiex hlief l'ombra. *This ordinance is enacted to repress abuses of this freedom* sa chemm quasi safa fix-xeyn !

Article 2. *The offences contemplated in Chapter II of this Ordinance* ( li ghad insemmu il kuddiem ) *are consumated by the publication in these islands of printed matter, from whatever place it may originate.*

Mela yecc yistampa ruhu xi giornal li ycun fih articolu libellus izda dana il giornal ma yigix ippublicat, imxerred biex yinkara, wihed ma yistax yaghmel libell contra tighu. Fi ftit cliem dac li yicconsma ir-reat ma ux l'att ta li stampa izda dac tal publicazion. Wihed yista yistampa l'eluf tal cotba u l'eluf tal giornali li ycun fihom attacchi ingiriusi u libellusi izda sa chemm dawn ytbkghu taht ideyn min stampahom u ma yixxerdux ir-reat ma ùx iccunsmat. Malli anche copia wahda biss tixxerred fil publicu b'mod li xi hadd yista yakraha allura ir-reat yigi icconsumat, basta li dina il publicazion issir bil volontà ta yew li ycun yaf biha min stampa il chitba libellusa u anche yecc apposta yittrascura li yindocra biex hadd ma ycun yista yakra dac li emm fiha stampat.

Per esempiu : yecc fli stamperia yidhlu xi nies u fil hin li ycun ked yistampa articolu libellus li stampatur ihallihom yakrawh, anche yecc dac l'articolu ma yigix ippublicat regolarment ir-reat ù iccunsmat billi dac li fih gie imxandar fost il publicu yew parti minnu. Yecc li stampatur icun alienat u xi hadd imprudentement yabusa yakrah u malli yintebah li stampatur ma yhallihx allura ma emmx il consumazion tar-reat, billi li stampatur ma dinebx scientement, u billi dana yew l'editur ma chellomx ghad l'intenzion li yxandru dac li chien fih l'articolu libellus.

Dina l'affàri tal publicazion ì materia delicata u difficili hafna billi il linea beyn l'ingiuria ta li Stampa u l'ingiuria comuni ma yistghux yig'u separati ciar chemm emm bzonn. Per esempiu, yecc xi hadd li yrid yinfama il xi hadd ihor yehu manoscritt fi stamperia biex yigi stampat, u dana yinkara mil istampaturi fil hin li ycunu kieghdin yiccomponuh u yakrah ucoll min yig'bdu fuk it-torchiu u xi hadd li yiccorregih, etc. u mbaghad min chitbu yibdielu u ma yistampahx anzi ikattghu stampat chif icun lest, emm ir-reat ta li Stampa? Nixtiek li xi legali li studia tayeb din il ligi li ywegibni fuk dan halli nistampah fin-Nahla. Il fatti li dana it-tali icun irid ixandar contra bniedem icun b'ecc xandarom fost ftit nies li actarx ixerrduhom fost nies ohra, u anche yecc billi yirrispettaw il profession tahhom ma yaghmluhx il fatti icunu gew maghrufa minn xi hadd l'istess. Awn certament wihed ma yistax yaghmel libell billi li stampat ma giex ippublicat izda yecc il fatt ux bizzeyed biex yifforma ir-reat tal ingiuria yiddependi mil volontà li yippublicah, u yena nahseb li l'att li tati apposta manoscritt incriminabili f'ideyn li stampatur biex yigi stampat ù bizzeyed biex yifforma ir-reat tal ingiuria privata. Tahsbuha bhali ? Ghala lè ?

Il ligi tghid ucoll li il publicazion trid issir *in these Islands*, f'dawn il Gzeyer, billi yecc issir band'ohra allura tohrog' minn taht ideyn il giurisdizion taghna. Per esempiu yecc fi stamperia awn f'Malta yistampa ruhu articolu libellus izda f'loc li yixxerred awn f'Malta yixxerred f'Tunes, min ù offis ma yistax yaghmel libell awn feyn gie stampat izda f'Tunes feyn gie ippublicat, ghaliex emm yaghmel il hsara lil dac contra min inchiteb u mux awna.

Il ligi tghid ucoll *from whatever place it may originate*, igifieri li ma emmx bzonn li ycun stampat f'dal gzeyer, izda, anche yecc stampat Barra izda ippublicat awna l'articolu ysir libellus. Per esempiu, yena nicteb u nistampa articolu libellus fl'Italya u nibaghtu stampat lil xi hadd awn biex ixerrdu u dana effettivament ixerrdu. Allavolia l'articolu ma giex stampat awn yista isir libell contra tighu awn u contra cull min icun complici u yehu sehem fil publicazion tighu.

Mela minn dana l'articolu naraw ciar hafna li dac li yifforma ir-reat ma ux feyn yigi stampat izda feyn yigi ippublicat billi b'dana il fatt yicconsma ruhu ir-reat billi yig'u mxerrda dawc il fatti ingiuriusi li yiffòrmaw ir-reat.

L'istess tista g'o fic tingiuria u ticcomponi f'mohhoc u f'kalbec elf ingiuria l'actar terribili u infami izda kabel ma yohorg'u minn fommoc b'mod li yixxerdu fost in-nies ir-reat ma yigix icconsumat u ghalecc ma tistax tiehu passi legali contra l'autur tahhom.

Article 3. *In this ordinance, by printed matter is meant any writing printed in typographical characters or by litography, or any other similar device or one or more papers or other substances.*

Mela anche yecc issir copia wahda biss, yew yecc l'articolu yigi illitografat. Nixtiek naf yecc yigi immultigrafat fuk *multigraph* u mxerred yigix maghdud bhala stampat (*printed*) yew bhala scrittura privata. Nixtiek li min yifem ighinni f'dina l'interpretazion tal ligi halli dac li nictbu icun actar positiv u ta feyda. Minn dac ittweghid collu li ghamluli il P. Li. O. Valenzia, Walter Borg u A. German ghadu ma sehh xeyn ! Weghduni bis-serietà coll'a yew lè ? Yen ghadni ked nistennihom li ysehhu chelmitom ta rg'el li uma !

(*Tissocta*)

—o—o—

## IL GHAKDA DAWALIA

Billi il conferenzi fil berah uma bosta drabi mfixcla mittemp u iccontrollati mil Polizia tal Gvern li ma ghandu l'ebda interess li il poplu yitghallem, yiftah ghayneyh u li yacquista dritti yew li yiddefendi ruhu, u billi il Polizia tista ma tatix permess li ysiru ghal mitt elf scusa bil ligi sarima li ghandna emm bzonn li noholku Ghakda, b'local cbir taghna ghal conferenzi, u debates u meetings u b'librerya famusa li ghalihom niccontribuixxi principalment yena. Dina il Ghakda tcun indipendent mil partiti politici li ghandna u cull min irid yitghallem u yghaddi il kuddiem yista yehu sehem fiha.

Nitlob il dawc coll'a li uma favorevoli li ygharrfuni b'ittra yew cartolina mil actar fis halli yecc insib in-numru sufficient niltakghu f'Seduta Generali halli noholku il Cumitat u niddiscutu ir-regolamenti u halli naraw x'nistghu naghmlu ghal local u ghall hweyeg' l'ohra mehtieg'a.

Il Ghakda taghmel il Kawa. Ifthu ghayneycom ghax-Xemx li fegget !

Augustin Levanzin.

## IZ-ZEYT TAL HUT

Nistaghgeb chif is-Sanità tas-simpatica e squisitissima Sinyurina Galea thalli lis-sanghisughi spiziara yibbambocciaw actar il pacenzius u gweyed poplu malti biz-zeyt tal hut. Chiecu ghallankas il ghomya u l'inioranti yonfku flusom fiz-zeyt il hut chif yinghasar mil fwied tal merluzz ma tantx yimporta billi fih emm ftit tal vitamini li yaghmlu xi gid lis-sahha, izda li tusaw iz-zeyt tal hut irraffinat u bla rieha u bla toghma u ciar bhal cristall ù mux biss kerk izda dahk fil wicc ucoll billi il ftit vitamini ta valur li chien fih gew distrutti quasi coll'a fil process tar-raffinament.

Meta yig'ri dana allura ma yibkax hlief iz-zeyt biss u li ma ux f'dal cas ahyar miz-zeyt taz-zebbug, yew miz-zeyt tal koton. U li tusa iz-zeyt biex tismen ù sball cbir billi fl'ghelubia u fil mard tas-sider il fwied ù deyem mahsus sewwa u ghalecc, billi il fwied irid yehu hsieb iz-zeyt fid-digestion, izzidlu taghbia li ma yiflahiex. Mela iz-zeyt tal hut ghas-sahha ù bicc'a kerk u ta dannu cbir.

Awn min yismen bih, u dan ù l'acbar dannu li yista yig'ri billi f'dana il cas il glandola tiroide ta dac li ycun tcun deboli u ghalecc billi ma tahrakx il hafna carboniu li fih iz-zeyt tal hut, bhaz-zyut coll'a yinghakad mal ilma tal gisem u ysir grass. U billi dana il grass il gisem yista yigi bzonnu ghall chesha u ghaxxoghol, ma yarmihx izda yzommu immagazzinat minn sena ghall ohra b'imbarazz u incommodu u nukkas ta efficienza ta dawc iz-zniebel tat-tamar mimlia kziez li yisseyhu nies floc kziekes.

Mela li tisforza il glandola tiroide biex tiehu hsieb dac iz-zeyt li ì tant deboli li ma tistax tassimilah ù sball ohxon n yistghu yirraccomandawulcom biss dawc li mil conseguenzi coroh li yig'u wara yahilbu iz-zeyza bnina tal interess.

Meta cont spiziar, ghad li ma contx ghadni naf b'dan collu, cont deyem nirraccomanda iz-zeyt tal hut ta De Jong billi ma ùx ippurificat. Izda ftit chienu yixtruh u yixcrbuh billi fih-riha u toghma li ykallbulec li stoncu tassew. Allura cont ingib minn ghand Burroughs and Wellcome l'ahyar zeyt tal huta isfar u mux abyad bhal dac li chienu tant ibighu fit-Tarznar biex almenu ycun baka fih xi ftit tas-sostanza, tal vitamini. u ma ycunx ridott bhal l'abyad f'zeyt pur biss.

Izda anche dana il bicc'a il cbira chienu yitmezmzu minnu billi cullhadd irid isewi dnubietu u yfiek deliziosament *e con gusto e tutta commodita'*.

Allura conna dac iz-zmien, u nahseb li ghadom ucoll li spiziari tal-lum, nirricorru ghall emulsion, igifieri dic it-tahlita taz-zeyt il huta bil gomma, giulebb, potassa yew soda, etc., biex tghatti it-toghma u ir-rieha taz-zeyt il hut.

Bosta chienu yixtru u forsi ghadom sal-lum certa EMULSION, bicc'a kerk famusa daks li ì dannusa u li chienet tisloh, u nahseb li ghada, il belli fleyes minn butna il Maltin biex thaxchen il but bla kieh ta li lpup u tas-sanghisughi barranin.

Dawna il vampiri bla ruh, ta ftit soldi zeyt, forsi mil aghar, u ta ftit gomma chienu u ghadom iwahhlu il marid zewg xelini u b'ecc chienu u ghadom idahhlu mas-scud profitt fil but! collu demm il fkir u il marid taghna. Tassew li chemxa g'miela minn dana il profitt esagerat chienet tinhela fir-reclami biex nissuggestionaw li mzazen, u *fil* flixcun u fil caxxa tal cartun biex tisseduci bl'eleganza, etc.' izda il povru marid minn dawna ma chien idahhal xeyn f'zakku, izda chien u ghadu ta veru becc'un u balalu, yhallas li spisa tahhom biss ua mil profitt li chien yaghmel is-sanghisug.

Yena li minn deyem katt ma hmilt nara dawna il vampiri stranieri yerdghulna demmna hsibt chif infixchilom ftit u ghalecc bdeyt naghmel ecc: Certu Spiziar chien wakka taht is-sakayn il prezz ta hafna medicini patentati bhala lixca biex yig'bed in-nies boloh u inioranti fli stalla tighu biex meta ymorru b'ricetta li ma yafux sewwa chemm tkum ihallsu il profitt esagerat tat-tneyn.

Li spiziari l'ohra ghemgmu chemm felhu u billi ma felhux ghat-telf tal concorrenza, billi il vampir chien ibihhom taht il cost, ma fornewx rwiehhom bihom actar. L'inioranti ta mohhom kasir tawielu b'mirbuha. Izda le yena. Yena bdeyt nordna hames grossi cull darba u inhallasom *cash* u b'ecc bdew yig'uni quasi il prezz li chien ibihom ua u bdeyt nitlef zewg' soldi minn fuk cull flixcun u ghamilt reclam chemm flaht bl'eluf ta carti stampati li kassamt ghal dana ir-ribass straordinariu. Il paria tal profession tal vampiri-sanghisughi, fetah halku u staghgeb, l'iniorant: "Chif? "kal mibluh", yen k'ed nitlef zewg' soldi minn fuk cull flixcun u ua ked yitlef erbgha biex yippica? Dac mig'nun!" U il mig'nun bakghitli sal-lum.

Izda dana l'imbecilli katt ma ntebah li domt ghal zmien twil nixtri l'Emulsion minn ghandu biz-zewg' soldi telf minn butu bla ma natih il beneficiu tar-ricetti, u b'ecc nakkast li ncommodu u il csur ta meta cont ingibom dritt mil fabbrica. Ua zamm il prezz ta scud, yen ta xelin u nofs, u ghalecc ghal zewg' soldi rohs in-nies sa mil Belt bdew geyin ghandi.

Yena cont bid-disinvoltura coll'a nibda nkartsilom il flixcun fil hin li cont nibda nfehimom chif chienu fil prezz tax-xelin u nofs kieghdin ihallsu tar-reclam immens li chienu yaghmlu mad-dinya coll'a, tal caxxa tal cartun, tal flixcun, tat-trasport mill Inghilterra, tal csur, etc.; chif iz-zeyt ma chienx frisc u lankas il gomma billi l'emulsion chienet tcun ila ippreparata u fuk li xcaffa ta li spizeria ix-xur il cbar, chif chienu yhalltu l'emulsion bil macna u fi quantità cbar u ghalecc l'ipofosfiti ma chienux yiddistribuixxu rwiehhom fil proporzion li chien imissom f'cull flixcun, etc., etc., Il client chien iwakkaf widneyh bhal ta hmar u yisma u yibda yara xakk ta dawl fil ghama tad-dlam profond li chien ilu tant midfun, ghal snin cbar, fih.

Imbaghad cont nurih il qualità taz-zeyt il hut frisc tighi li cont inzomm apposta fuk il banc feyn yider. Cont nurih il gomma acacia l'actar fina li cont ingib minn ghand Burroughs and Wellcome u mux mil Germanya ghar-rohs, u cont nurih ucoll il fatturi biex nippersuadih li collox, ghad li mil ahyar, ma chienx ikum actar minn erbgha soldi yew hamsa.

Allura cont naghmillu dil proposta li chien yaccetta bil ferha u b'hafna ringraziamenti minnufih: li yarg'a yatini lura il flixcun tal Emulsion li cont taytu mkartas pulit u ncirat, li natih lura disa soldi mix-xelin u nofs li chien tani, u li ghad-disa soldi li chien bakaghli fil caxxun nippreparalu kuddiem ghayneyh stess, bl'ahyar zeyt frisc u bl'ahyar gomma, etc., u bl'ifyen ipofosfiti ta Burroughs and Wellcome u mhalltin fil proporzion esatta billi mizunin taht ghayneyh bir-rekka coll'a u fuk collox cont natih flixcun acbar, b'zewg' ewiek actar emulsion!

B'ecc ù chien yifrah ghax kabillu yiffranca disa soldi u ha hag'a ahyar u actar frisca u b'ecc cont naghmel client li chien yirraccomandani lil hafna clienti ohra, u yena klayt almenu erba soldi f'loc li tlift iz-zewg' soldi mil but ta cull meta cont inbih flixcun emulsion. U b'ecc cont inzomm il profitt Malta u ma contx inhalli flusna ymorru f'but il mishuta Sanghisughi barranin fil hin li cont inservi coxienziosament il client ahyar u actar bi rhis.

G'bitt din li storya ftit fit-tul biex minna titghallmu ftit lezioni fuk il kerk u li scrocc tas-sanghisughi u li lpup li b'hafna reclami karrekin, yissuggestionawcom tixtru bhala mzazen, il medicini patentati tahhom, f'loc, almenu, il medicini ippreparati mil ispiziar malti.

Mela la tcunux actar boloh u la tixtrux actar l'Emulsion u lankas l'ebda medicina patentata ta Barra yew ta Gewwa, u taghmlu wisk u wisk ahyar yecc ma tonfku katt u katt l'ebda habba fil medicini u tmorrux ghand li spiziar hlief ghas-sapun u li xcupilia tas-snien u it-*toilet paper*.

"Mela, "nisthayel tistaksuni" x'niehdu f'loc iz-zeyt tal hut?"

U yena pront biex nirrispondicom bil verità u il gherf l'actar modern wara li naghmel din li spiegazion zghira.

Dac li emm li yista yaghmel gid fiz-zeyt-il-hut mux ippurificat uma il vitamini li fih u li yig'u mil fwied tal merluzz. Dawn il vitamini ma yinsabux biss emm izda f'bosta hweyeg' ohra, u f'bosta minnom fi quantità acbar u bi prezz wisk irhas u fil kabda ucoll.

Nihdu, per esempiu, bhal ma gia ghidt fin-numru 180, it-tadam. Dan fih li stess vitamini li fih iz-zeyt-il-hut mux purificat u actar billi fih vitamini li ma yinsabu katt fl'ebda zeyt-il-hut.

Ghalecc meta wihed yecol tadama yew tneyn, misyurin

sewwa fis-sig'ra u fix-xemx, idahhal f'gismu wisk actar vitamini u ahyar milli katt yista ydahhal minn mitt flixcun Emulsion. Fimtuni tayeb ?

Mela billi il casi li fihom tirricorru generalment ghal l'Emulsion ghand li spiziar uma quasi coll'a casi ta "*avitaminosi*", igifieri ta nukkas fl'ichel u ghalecc fil gisem ta vitamini, li tusaw it-tadam frisc u perfettament misyur fis-sig'ra, yew isfar ta bayda frisca ney imhabbat ma ftit halib tal moghza frisc u mux imsahhan, yew insalata tal hass, l'ahdar tal cabocci, tursin, l'ahdar tal crafes, u hafna lumi bla melh u bla zeyt, etc., ì hag'a wisk actar bil ghakal u economica u li taticom risultati wisk actar ahyar u malayr, yecc katt taticom, l'Emulsion yew iz-zeyt-il-hut. Mela abbasso iz-zeyt-il-hut ghal deyem u evviva deyem it-tadam frisc u misyur.

—o—o—

## IL PROGETT EBEYER

( *Icompli minn-numru ta kabel* )

Il popolin u il haddiem ghandom tliet armi kawia tassew li bihom yistghu yirbhu cull battalia u cull risk u gid u li fl'istess hin uma perfettament legali u legittimi u ghalecc ma yista yehodomlom hadd.

Izda billi ta veri boloh deyem irhew lehitom f'ideyn il Ghadu tahhom sa nitifielom ghal collox katt ma ntebhu b'dawn l'armi billi dana il Ghadu katt ma webbilom bihom ghaliex chiecu ghamel dana il povru poplu u il maghcus haddiem ilom li hadu dac li hakkom u ilom ighumu f'bahar ta cull risk, hena u gid.

Dawna uma it-tliet armi li yusaw il haddiema ta Barra u li bihom ghaddew tant il kuddiem u specialment fl'America.

(1) L'ewel wahda ì l'Organizzazion formali bhall armata militar u bid-dixiplina li tinhtieg' halli tohlok il ghakda, il forza tacita u b'ecc il pression legal u legittima li ycun emm bzonn,

(2) It-tieni l'arma tal Petizion biex teseguixxi biha il pression legal chif ghad infehimcom actar il kuddiem u in dettall specialment fil meeting ta n'ar il Hadd,

(3) U it-tielet l'arma tal Boycott li yena ctibt hafna fuka fil "Progress" u li biha il popolin u il haddiem chif ghad infehimcom ciar il kuddiem yistghu yakilghu dac collu li yridu legalment u legittimament.

Ma dawn certament emm bzonn ta Publicità efficient u organizzata mil Cumitat Direttiv stess tal Organizzazion u fl'interess tal Ghakda stess u mux ta individui privati billi b'dan issir quasi deyem bicc'a ghodda terribili f'ideyn il Ghadu ghall corruzion u ghall irvina tal popolin.

Chiecu il popolin u il haddiem chellom min fethilom ghayneyhom sewwa u mexxihom onestament dritt biex kabdu f'ideyhom dawna l'armi potentissimi u efficaci ferm ghad li legittimi u legali, ilu li wasal feyn ried u il Progett Ebeyer ilu li eseguixxa ruhu u rafa il fkir u il maghcus mil miserya li tbicchi li yinsab sfortunatament fiha.

Is-Sur Ebeyer f'loc li kabad it-triek sbaliata li kabad billi hadd ma fetahlu ghayneyh sewwa habbat wicc'u biss ma hayt tal bronz u ma wasal imchien ghaliex f'loc li kieghed il Progett f'ideyn il poplu li ghandu bzonnu kieghdu f'ideyn il Ghadu li ma yakbillux yeseguih biex yakta griezmu bih.

Ebeyer chien imissu stampa bil malti u bl'inglis il Progett tighu bla segretezza u chilba ta xeyn u xerrdu fost il haddiema biex dawn yorganizzaw irwihhom f'Ghakda cbira u kawia b'Cumitat indipendent mil partiti coll'a. Dina l'Organizzazion chienet tiddiscutih u timmeliorah bid-dawl u id-dehen ta hafna haddiema capaci ohra u chienet izzid mighu il progetti ta haddiema ohra li uma ta gid ghall pais. Meta isir dan ix-xoghol collu yistampaw irwihhom l'emendi u il milioramenti u tinbaghat copia lil cull giornal malti u lill actar giornali importanti inglisi b'talba li yiddiscutuh u yissuggerixxu xi mglioramenti ihor halli mad-dawl tal haddiema yizdied dac tal giornalismu mdawal u indipendent. Meta ycollom id-dawl, il critica sana u indipendent u is-suggerimenti coll'a yistampawhom bhala Supplement u allura issir petizion b'eluf u eluf ta firmi li titressak lill Gvern mil Cumitat Direttiv halli il Gvern yati bidu ghall esecuzion tal Progett mil actar fis. Isiru ucoll fli stess hin mal gzeyer coll'a meetings cbar cull n'ar ta Hadd halli la il Gvern u lankas il poplu ma yorkdu sa yeseguixxi ruhu il progett collu. Yecc il Gvern yirresisti yew yitnicher yusa il poplu l'arma tal boycott u tal petizion personal chif ghad infehimcom il kuddiem, bil quiet, dixxiplina u legalità coll'a. B'dal mod il poplu chien yasal feyn irid f'kasir zmien. Yecc Ebeyer irid yitlak il progett tighu f'ideyna yena nmixxi collox u nistampa collox minn buti u bla interess ta xeyn, biss ghall gid tal haddiem u tal popolin. Ihallih yaghmlu il Ghadu ? Le !

—o—o—

## LEVANZIN IL FANFARUN !

*Lil Ginu Muscat-Azzopardi tad-Dr. Xecchec*

Il Professur Frederic Lee tal Columbia University, mux biss l'acbar wahda ta New York u l'actar important b'xi hames t'elef student izda wahda ucoll mil actar important ta li Stati Uniti coll'a u ghalecc tad-dinya, bhala wihed mil acbar autorità tad-dinya fil Fisiologya u billi chiteb operi famusi fuk din ix-xienza u specialment fuk l'Inanizion u fuk il Fatigue (gheya) ha interess cbir f'is-sawma tighi u gie chemm il darba minn New York ghal Boston biex yara chif cont seyer u biex yincoraggini ghad li ma chien emm l'ebda bzonn u biex ikatta sieghat shah mighi yistudia u yiddiscuti mighi il fenomeni tas-sawma, specialment mil punto di vista fisiologicu. Yena cont inhobbu wisk billi ù bniedem mux biss intelligentissimu u educat chemm yista ycun izda helu daks iz-zoccor ucoll u hanin bla tarf.

Malli spicciait is-sawma baghatli dan it-telegram min New York :—"*I send you, dear Prof. Levanzin, my hearty congratulations on the success of your fast.* SCIENCE IS SURELY INDEBTED TO YOU."

Gin, chif tara u ghad tara izied l'akwa Professuri tal Università Americani u tal Europa iseyhuli "Professur." Tghid dawca li yokoghdu fli Stati Uniti stess u ghalecc yafuni tayeb chiecu srakt it-titolu chienu seyrin yatuhuli uma stess ?

## IL PROGETT EBEYER
### u
### ID-" DIRTY TRICK " TAL LABOR

—o—

Il-Labor Party, igifieri xi *leaders* tal partit u mux il haddiema, kieghdin ifixcluni chemm yifilhu biex ma nitchellimx fuk il Progett Ebeyer ghall gid tal fkir u ta min u' kighed.

Ghall Hadd li gey haduli il Piazza ta Rahal G'did ghall wara nofs inar billi hasbu li b'ecc ihassruli il meeting fuk il Progett Ebeyer li cont ser naghmel yena bhas-soltu. Izda yena seyer nitchellem fuk il Progett Ebeyer u il Haddiem fil ghaxra ta fil ghodu fli stess Piazza ta Rahal G'did u wara nofs in'ar fuk li stess Progett Ebeyer, fl'erbgha, fil Piazza San Paul tal Hamrun, u fli stess Piazza, fl'erbgha ta wara nofs in'ar seyer naghmel, n'ar is-Sibt li gey, Conferenza fuk it-Tilkim tal Gidri.

La tonksux specialment ghaz-zewg meetings fuk il Progett Ebeyer halli niddiscutu il petizion li seyrin naghmlu halli nkanklu ix-xoghol.

Billi conna gia g'bidna ftit minn *Nahla* bl'avvis ta kabel, tatux casu, dan biss ighodd.

## FRAC U TLAKKIT

— Nitlob lil dawc li yibaghtuli ittri twal biex yitolbuni hafna favuri li almenu ywahhlu il bolli necessarii u mux yintaxxawni id-doppiu biss biex nakra fuk il miseria tahhom. Narg'a ntenni li min ma ux abbonat u gia hallas bil kuddiem ma niehu l'ebda considerazion tal ittri tighu. L'ewel servizz natih lil min ighin b'xi mod lin-Nahla u mux il min irid yisloh biss bla ma yati xeyn. *Tit for Tat. Give and Take.*

— F'Malta ghandna vacanzi u feriati izzeyed.

— Sur Gin tax-"Xecchec" kbadtec did-darba. Tghayarni u issawatni talli irrid inwakka il "gh" mil malti u mbaghad tibda biex tati l'ewel esempiu int stess ! ! ! Akra din li strofa li dehret fil giornal tighec tas-7 ta Jannar u fil poesia di fondo li ì editorial, u ghalecc tighec yew responsabili tahha int :

" Fl'euuel lakghat li chellu is-Senat taghna,
Dal Professur chien kam biex jipperora ;
Ippilla, sahan, kal u il conclusioni
Ghamlitlu uicc'u ahmar actar minn NORA !

Malta coll'a tghid NOGHRA ! Mela inti actar radical minni billi trid twakka il "gh" feyn titlissen sewwa ucoll !

— Gin, ghala ticteb "minghajr" f'loc "minnghajr", "cullhatt" f'loc "cullhadd", "ghada" f'loc "aghda", "tahhom" f'loc "taghhom" ( Ghakda ), "erbgha" f'loc "erba", "ighamlilna" f'loc "jaghmlilna", "zichi" f'loc "cichi", etc. Dawn li strafalciuni ecc hoxna fil poesia editorial biss minn bin il fondatur tal "Ghakda" u id-difensur tahha ! Bum ! Gin, mur tghallem ftit ticteb bil malti sewwa kabel tizzattat tohrog' giornal bih u ticcritica ta prusuntus bla xiwa li int il l'ohrayn.

— Gin, ghal din hakkec *prosit* tassew :—

Li Scola—Illum sirna nafu illi f'Malta u Ghaudex haun ma duar 1500 tifel li iridu jidhlu fli schejjel u ma haunx post ghalihom. Billi l'istruzioni hi uahda mil akua problemi taghna irridu nahsbu li jinsab xi mezz mil actar fis biex daun it-tfal isibu fejn jistghu jitghallmu actar u l'actar meta ghandom dina il volontà colla (sic !) Ahjar ma issir ebda spisa ohra u jincreu djar ghal li schejjel li huma uisk mehtiegia ghalina.

— Yena nixtiek hafna ucoll li f'centru ecc important bhal Rahal G'did icollna branch tal posta billi ù incommodu cbir li immorru Bormla.

— F'articolu li deher ma ilux fil "Midday News" chien emm dan : *"It is a question of following* BIBLICAL *precept : An eye for an eye, and a tooth for a tooth !"* Igifieri dana il giornal irid li napplicaw il-ligi tal mibeghda, tal vendetta, tal hsara, tal ghayn b'ghayn, u sinna b'sinna u ghandu il wicc' tost li ysostni li din il politica ì basata fuk l'autorità tal chelma t'Alla—il Bibbia Mkaddsa ! Il Bibbia ma tghidx dan !

— Dal g'ranet mort it-Teatru u it-Tenur tal *Pagliacci* ghog'obni tassew ghad li yena smayt l'akwa tad-dinya specialment ix-xitwa l'ohra f'Montecarlo. Malli nsib wisa bizzeyed fin-*Nahla* nibda ingibilcom li steyer tal opri bil malti bhal ma cont naghmel kabel ghar-rappresentazion ta n'ar ta Hadd.

— Il gisem tal cbir letterat inglis Hardy gie iccremat (mahruk). Ma chienx emm presenti hlief Sir James Barrie u Minister tal Free Church. Hardy chien liberal hafna fil chitba u it-twemmin tighu u ghalecc tilef in-Nobel Prize li chien yisthokklu ghall hila cbira tighu.

— F'Berlin, fl'ewel tas-sena, chien emm 1,400,000 haddiem bla xoghol !

— Nirringrazia bil kalb coll'a lis-Sur E. Zammit Marmarà tal copii tal " Bidui " u tal Jodiu u it-Tiroide li chien tant gentili baghatli. Dina il harg'a tal " Bidui " f'Malta ì hag'a ta gid cbir billi ikassam seba t'elef copia cull tliet xur, hag'a verament straordinaria ghall Malta. Yena ghadni ma tchellimtx minn dawna il pubblicazioni billi gia ghandi lest articolu twil fukom u fl'ewel numri ma staytx insib wisa ghalih ; izda malli nsib wisa indahhlu bil piacir collu. Is-Sur Marmarà ghog'bu ucoll yictibli : "Krayt u hadt gost tassew bl'ewel numru tan-Nahla minnec mahrug' u immexxi—prosit. Ngheydilec chif inhossa hadt gost l'actar bl'articoli istruttivi li fiha, ghax ghal dac li ù politica ma tantx inhobb nakrah. Nixtieklec success cbir biex tcompli iddawal lill hutna il Maltin".

Yena ucoll actar niehu gost nicteb articoli istruttivi mil pandemoniu tal politica mhawda u mgherfxa taghna. Izda il poplu fil hin li ghandu bzonn min ighallmu ghandu bzonn min yiddefendih ucoll u cull min yahrab mil politica f'mument tragicu ghall patria bhal dan yaghmel delitt.

— Fi Skallia sar m'ilux process famus ta tliet mitt (300 !) mafius li gew arrestati ma dwar il belt ta Girgenti biss ! Uma accusati fuk collox ghall erbghin ktil u hafna delitti ohra. Tghid il "Malta Taghna" iggib din in-notizia ? U ftacru li ahna biss sittin mil minn Skallia, bicc'a sewwa mil "Madre Italia" u din taht Mussolini !

— Mil *Outlook*. tas-27 ta Novembru 1927, il famusa rivista Americana, niehu dana : "The business reports of the chain drug stores show that they do 39 per cent of their business at the soda fountains, and only ten to 15 per cent in prescriptions".

Dana yuri bic-ciar li il poplu american kieghed yiftah ghayneyh u yitghallem li il medicini coll'a, mil melh tal porga saz-zeyt ir-ricinu u ir-rabarbaru ma umiex hlief veleni li biss igharrku is-sahha, izidu il mard li ycun gia emm u yfakkru il but. Meta is-sanghisughi bil baccalyawa ta li spizerii taghna narawhom iservuna gelat ice-cream-soda ? Allura tassew yibda id-dawl tal progress f'Malta.

— Il fountain-pens ilom usati fuk it-tliet mitt sena. Niehu mit-"Tit-Bits" :— "Fountain-pens were used as long ago as 1600, when reference was made in a book to their use by travellers. In 1788 fountain-pens were first mentioned in an advertisement, and about this time they had come to be called by their present name. In a Dictionary of Arts and Sciences, published in 1754, fountain-pens were defined as a pen made of silver, brass, etc., contrived to contain a considerable quantity of ink and let it flow out".

— Il Vino Santo ta Arco hdeyn il Lago di Garda itighem bhal Marsala. L'ahyar imbit toscan ù dac tal Chianti feyn yicbru l'ahyar dwieli yew ta Pontassieve. F'Modena emm il Lambrusco della Sorbara, eccellenti, u l'Albana f'Forli. L'Italia tipproduci imbeyet mil ahyar. Yena yoghg'buni hafna l'Orvieto Bigi, Abboccato u il Lacryma Christi tal faldi tal Vesuviu f'Torre Annunziata. Izda ma nirraccomandahomx ghas-sahha !

— Wahda mil isbah tours li ghamilt fl'Italya chienet dic minn Montecatini ghal Pescia, Vellano, Porretta g'ol Valle della Lima, panorama ta wied mil isbah li thabbata mal wiedien sbih tal Canada u ta li Stati Uniti. Meta tilhak l'Abetone tgawdi veduta sabieha tassew. Fid-Dolomiti minn Cortina d'Ampezzo sa Bolzano ì gita meraviliusa ucoll tassew.

— Cunu afu li yena nittratta b'disprezz cbir l'ittri anonimi u li ma nati l'ebda cas tahhom billi naf li min yictibom ma ux hlief viliacc bla curagg' civil li yesprimi l'opinion tighu ta ragel kuddiem cullhadd. Ghal dawn l'ittri emm ic-cestin bil hala tal bolla b'collox ! Vili !

STENBAH YA POPLU !

u berrak ghayneyc halli tintebah chif, specialment is-Sanghisug Barrani, ked yerdaghlec demmec u yislohloc flusec u yekridlec haytec u hayet uliedec kabel il hin, billi yavvelenalec gismec, billi yirvinalec ruhec, billi ydahdahlec mohhoc, billi yhawadlec kalbec, billi ygieldec ma martec, ma uliedec, ma hbiebec, ma minn ihaddmec u ykallghec il flus, bid-Demonii tax-Xorb, tal Cafè, tat-Tè, tal Helu, bid-degenerazion u il velenu tan-nicotina tat-tipyip, bil medicini li ma umiex hlief veleni, bil halib tal bott, li ma ux hlief kziez imrang'at bil vitamini u is-sali organici necessarii ghas-sahha u il haya mekruda, bl'estratti tal-laham, bil *canned foods*, etc. ; u dil hsara u kerk u serk fil wicc' collu biss biex thaxcnu but il Ghadu Barrani ! Ya Boloh stenbhu !

IFTHU GHAYNEYCOM !

Il medicini patentati coll'a chemm uma ma umiex hlief kerk schifus u serk sfacciat. Dawn actar igharrku is-sahha milli yfeyku, billi izidu il veleni u il kziez fil gisem marid. Min yistampa ir-reclam tahhom fil gazzetta tighu, min yakla flus billi yinnegoziahom, min yipprescrivihom, min yirraccomandahom u min ibihom ma ux onest u habib tal poplu ghax yafu coll'a li dan ù negoziu fraudolent biex yapprofittaw irwihom legalment mil inioranza tal poplu halli yhaxcnu but il frustier, dac il frustier li tant hadem contra Strickland u shabu u il Compact u sahansitra, chif ighidu, ha sehem fil porcheria Terinu.

Tcunux boloh ! Thallux min yerdghilcom demmcom biex tahyu il frustieri u l'ghedewa taghcom !

**LILL AVUCAT C. MIFSUD BONNICI**

**narg'a ntennilu li sfida li ghamiltlu fin-numru 180 biex johrog ta ragel u jipprovali il verità tal attacchi tighu contra tighi fil " Patria " u nibka jaghmilielu f'cull numru sa chemm jew jipprova jew niddichiara ta onest u galantom li ma kalx il verità.**

"Unione Tipografica Maltese" 28, Sda.Cristoforo, il Belt.